**31 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Frank Theuma

## Esperti

*Ma hemm xejn fil-liġi li jipprekludi n-nomina bħala espert ta' persuna li tkun ga' giet innominata bħala espert, u espletat l-inkarigu tagħha bħala tali, fl-inkjesta tal-Maġistrat.*

*Il-Qorti mhix marbuta li toqgħod fuq l-opinjoni ta' l-espert innominat mill-Qorti kontra l-konvinzjoni tagħha u din il-konvinzjoni tista' tiġi influwenzata regolarment anke mill-provi li jkun jista' jgib l-imputat.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tad-9 ta' Ottubru, *1995 li biha l-Qorti tal-*Maġistrati (Malta) filwaqt li lliberat lill-imputat minn imputazzjonijiet oħrajn, sabitu ħati li importa, ġiegħel li tiġi importata *jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata* mediċina perikoluża (kokaina) f'dawn il-Gżejjer, ħlief skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 bi ksur ta' l-artikolu 14 (5) ta' din l-Ordinanza u kkundannatu ħames snin priġunerija, bit-tnaqqis taż-żmien li fih l-imputat kien miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, oltre l-multa ta' elfejn lira (Lm2000);

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha fil-parti li biha huwa ġie *lliberat u tirrevokaha in kwantu li biha huwa ġie* misjub ħati u tilliberah mill-ħtija kollha jew tnaqqas il-piena inflitta bis-sentenza appellata;

Rat l-atti l-oħrajn u tikkunsidra illi:

*Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fi Frar 1989 il-Pulizija* interċettat pakkett li wasal Għawdex bil-posta indirizzat lil Peter Theuma, hu l-appellant. Dan il-pakkett kien jikkontjeni l-kokaina;

Xi żmien wara, l-imputat, li allura kien il-Kanada, kiteb minn hemm lill-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta u lil xi nies oħra f'Malta u nfurmahom li d-droga li kienet ġiet misjuba mibgħuta lil huh kienet tiegħu;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li n-nomina mill-Ewwel Qorti ta' Dottor Anthony Abela Medici bħala espert tal-kalligrafija kienet irregolari b'mod li l-appellant ma ġiex mogħti

*a fair trial* kif tiddisponi l-liġi. Dan għaliex, skond l-appellant, Dr. Abela Medici ġa' kien ħa sehem bħala espert fl-investigazzjoni magħmula mill-Maġistrat Inkwirenti;

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, ma hemm xejn *fil-liġi li* jippreklu di n-nomina bħala espert ta' persuna li tkun ġa' ġiet innominata bħala espert, u espletat l-inkariku tagħha bħala tali, fl-inkjesta tal-Maġistrat. Bara minn hekk, ma hemm ebda raġuni li għaliha wieħed għandu jissuspetta jew jibża' li tali espert ikun *biased*, kif isostni l-appellant. L-appellant effettivament ma indika ebda tali raġuni. Huwa jgħid illi fis-sistema tagħna m'hemmx mezz biex tirribatti l-opinjoni ta' l-espert innominat mill-Qorti. B'danakollu l-Qorti mhix marbuta li toqgħod fuq l-opinjoni ta' l-espert kontra l-konvinzjoni tagħha u din il-konvinzjoni tista' tiġi influwenzata regolarment anke mill-provi li jkun jista' jġib l-imputat;

L-appellant jissottometti li huwa veru li b'dak li kiteb lill-President ta' Malta poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni prekarja, iżda li dan ma jfissirx allura li hu awtomatikament ħati. L-appellant jgħid li kemm dak li huwa qal lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni, kemm dak li xehed huwa verosimili;

Jiġi rrilevant f'dan ir-rigward li l-Ewwel Qorti, kif mistenni, eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, kompriżi l-ittri ta' l-appellant, l-istqarrija tiegħu u d-deposizzjonijiet tiegħu. Effettivament fis-sentenza appellata hemm indikati r-raġunijiet li għalihom l-Ewwel Qorti aċċettat it-teżi ta' l-appellant kif espressa fl-ittri tiegħu u ma aċċettatx dik fid-deposizzjoni tiegħu;

Kuntrarjament għas-sottomissjoni ta' l-appellant, din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti in kwantu li l-appellant ġie misjub ħati tar-reat in kwistjoni oltre kull dubbju

ddettat mir-raġuni;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti applikat il-piena massima preskritta mil-liġi u li dan għamlitu biex iservi ta' detriment għall-futur. L-appellant jilmenta li b'dan il-mod l-Ewwel Qorti infliġġiet il-piena biex tagħti tagħlima lil ħaddieħor u ġiebet fix-xejn il-prinċipju li l-piena għandha tkun toqgħod kemm għar-reat kif ukoll għall-ħati u ma tirrifletti qatt sens ta' vendetta jew ċirkostanzi estranei għall-każ;

F'dan ir-rigward jiġi rrilevat li l-appellant ma semmiex kollox. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, qalet li l-każ jirrikjedi piena karċerarja bi *quantum* adegwat biex iservi bħala deterrent għall-futur u żiedet li għall-fini tal-piena kkunsidrat (1) il-kwantita' tad-droga importata u l-purezza tagħha; (2) il-mod sofistikat li bih sar ir-reat, tali li jirrendi diffiċli l-kompitu tal-Pulizija biex tiskopriħ u (3) il-problema akuta tad-droga f'dawn il-Gżejjer, riżultat tal-frekwenza tar-reati relatati mad-droga. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma ssibx raġuni li għaliha għandha tvarja s-sentenza appellata, l-anqas in kwantu għall-piena;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.